



Kunsill
tal-Unjoni Ewropea

Brussell, 26 ta' Ġunju 2018
(OR. en)

10555/18

ELARG 41
COWEB 102

EŻITU TAL-PROĊEDIMENTI

minn: Segretarjat Ġenerali tal-Kunsill

lil: Delegazzjonijiet

Nru. dok. preċ.: 10374/18

Suġġett: IT-TKABBIR U L-PROĊESS TA' STABBILIZZAZZJONI U TA'
ASSOĊJAZZJONI
– Konklużjonijiet tal-Kunsill

Id-delegazzjonijiet isibu mehmużin il-konklużjonijiet tal-Kunsill dwar it-Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni kif adottati mill-Kunsill fis-26 ta' Ġunju 2018.

KUNSILL AFFARIJJIET ĠENERALI**KONKLUŻJONIJIET TAL-KUNSILL DWAR IT-TKABBIR U L-PROĊESS TA'****STABBILIZZAZZJONI****U TA' ASSOĊJAZZJONI**

1. Il-Kunsill jieħu nota tal-Komunikazzjoni mill-Kummissjoni tas-17 ta' April 2018 dwar il-Politika ta' Tkabbir tal-UE u r-rapporti dwar il-Montenegro, is-Serbja, it-Turkija, l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja, l-Albanija, il-Bożnija-Herzegovina u l-Kosovo*. Il-Kunsill jilqa' l-applikazzjoni tal-metodoloġija l-ġdida tal-Kummissjoni u l-armonizzazzjoni taċ-ċiklu tar-rapportar tagħha mal-valutazzjoni tal-Programmi ta' Riforma Ekonomika. Il-Kunsill jieħu wkoll nota tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni "Perspettiva kredibbli għat-tkabbir u involviment akbar tal-UE mal-Balkani tal-Punent" tas-6 ta' Frar 2018.
2. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-impenn tiegħu lejn it-tkabbir, li jibqa' politika ewlenija tal-Unjoni Ewropea, f'konformità mal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir approvat mill-Kunsill Ewropew fl-14 u l-15 ta' Diċembru 2006 u l-konklużjonijiet sussegwenti tal-Kunsill. Dan ikompli jirrappreżenta investiment strateġiku fil-paċi, id-demokrazija, il-prosperità, is-sigurtà, u l-istabbiltà fl-Ewropa. It-tħaddin ta' valuri fundamentali Ewropej u l-impenn lejhom huma għażla, u huma essenzjali għas-sħab kollha li jaspiraw għas-sħubija fl-UE. F'konformità ma' dan, il-Kunsill jistenna li s-sħab jassumu r-responsabbiltà u jimpenjaw ruħhom bis-sħiħ lejn il-valuri Ewropej u t-tiftix vigoruż ta' riformi neċessarji fl-interess taċ-ċittadini tagħhom. Abbażi tal-progress li diġà nkiseb, il-Kunsill jilqa' l-impenn espress mill-Balkani tal-Punent fis-Summit ta' Sofija, u l-allinjament tagħhom mad-Dikjarazzjoni ta' Sofija. Filwaqt li jfakkar fl-Aġenda ta' Tessalonika u d-Dikjarazzjoni ta' Sofija, il-Kunsill itenni l-appoġġ inekwivoku tal-UE għall-perspettiva Ewropea tal-Balkani tal-Punent. L-UE hija determinata li ssaħħa u tintensifika l-involviment tagħha fil-livelli kollha biex tappoġġa t-trasformazzjoni politika, ekonomika u soċjali tar-reġjun, inkluż permezz ta' aktar assistenza, abbażi ta' progress tanġibbli fir-rigward tal-istat tad-dritt, kif ukoll tar-riformi soċjoekonomiċi, mill-Balkani tal-Punent. It-Turkija għadha pajjiż kandidat u sieħeb ewlieni f'bosta oqsma.

* Din id-deżinjazzjoni hija mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet dwar l-istatus, u hija konformi mal-UNSCR 1244/1999 u l-Opinjoni tal-QIĠ dwar id-dikjarazzjoni tal-indipendenza tal-Kosovo.

3. F'konformità mal-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill u fil-qafas tal-kriterji politiċi ta' Copenhagen u tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, li jibqa' l-qafas komuni għar-relazzjonijiet mal-Balkani tal-Punent, il-Kunsill jafferma mill-ġdid il-ħtieġa, f'konformità mal-kunsens imġedded dwar it-tkabbir, ta' kondizzjonalità ġusta u rigoruża u l-prinċipju ta' merti proprji, flimkien mal-kapaċità tal-UE, fid-dimensjonijiet kollha tagħha, li tintegra membri ġodda.
4. Il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa kontinwa li tingħata attenzjoni lir-riformi fundamentali biex jiġu indirizzati nuqqasijiet strutturali persistenti fl-oqsma tal-istat tad-dritt, id-drittijiet fundamentali, l-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività, it-tisħiħ tal-istituzzjonijiet demokratiċi u r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika. Rekord tajjeb ta' implimentazzjoni ta' riformi u riżultati konkreti u tanġibbli f'dawn l-oqsma kruċjali jibqgħu essenzjali, b'mod partikolari għar-ritmu ġenerali tan-negozjati tal-adeżjoni.
5. L-istat tad-dritt huwa valur fundamentali li fuqu hija msejsa l-UE u li jinsab fil-qalba kemm tal-Proċess ta' Tkabbir kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni. Jeħtieġ li jitwettqu riformi biex jiġu indirizzati l-isfidi importanti li għad fadal f'dan il-qasam, b'mod partikolari biex tiġi żgurata ġudikatura indipendenti, imparzjali, responsabbli u effiċjenti, u fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, kif ukoll fil-protezzjoni tad-drittijiet fundamentali, inkluż id-drittijiet ta' persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, fit-trattament nondiskriminatorju ta' minoranzi nazzjonali u fl-indirizzar tad-diskriminazzjoni ta' gruppi vulnerabbli bħar-Rom u persuni leżbjani, gay, bisesswali, transġeneri u intersesswali (LGBTI). Is-sitwazzjoni dwar il-libertà tal-espressjoni u l-indipendenza tal-mezzi ta' komunikazzjoni tibqa' kwistjoni ta' tħassib partikolarment serju, li għandha tiġi indirizzata b'mod determinat u effettiv bħala prijorità. Jeħtieġ li jittieħdu passi urġenti u konkreti biex jiġu evitati l-intimidazzjoni, it-theddid u l-attakki fil-konfront ta' ġurnalisti, u biex dawn il-każijiet jiġu riżolti fejn iseħħu. Tinħtieġ ukoll aktar ħidma biex jiġu żgurati l-ugwaljanza bejn in-nisa u l-irġiel u r-rispett għad-drittijiet tan-nisa kif ukoll id-drittijiet tat-tfal. Aktar progress fir-rigward tar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika huwa wkoll meħtieġ sabiex tissaħħaħ u tittejjeb il-governanza fil-livelli kollha. Il-Kunsill jinnota bi tħassib ix-xejriet ta' bojkott tal-parlamenti. L-iżgurar ta' dialogu politiku inklużiv, b'mod partikolari fil-parlamenti, u rwol aktar b'saħħtu għall-organizzazzjonijiet tas-soċjetà ċivili jibqgħu elementi essenzjali ta' demokrazija li taħdem sew. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza ta' elezzjonijiet liberi, ġusti u trasparenti, f'konformità mal-istandards tal-OSKE.

6. Fir-rigward tal-kriterji ekonomiċi, il-Kunsill jilqa' u jikkondividi l-analiżi tal-Kummissjoni fir-rigward tal-ħtieġa li jiġu indirizzati l-isfidi soċjali u ekonomiċi strutturali l-kbar. Il-Kunsill jinkoraġġixxi lis-sħab kollha biex jimplimentaw il-miżuri inklużi fil-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u t-Turkija tal-25 ta' Mejju 2018, ibbażati fuq il-Programmi ta' Riformi Ekonomiċi tagħhom. Ir-riformi ekonomiċi u t-tisħiħ tal-istat tad-dritt jipproduċu benefiċċji li jsaħħu lil xulxin b'mod reċiproku. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza li jiġu indirizzati sfidi strutturali u li jittejjbu l-governanza ekonomika, il-kompetittività, l-ambjent tan-negozju, il-klima ta' investiment, is-sostenibbiltà tal-finanzi pubbliċi, it-tkabbir u l-ħolqien ta' impjiegi. Il-Kunsill itenni l-importanza li jiġu indirizzati l-eżodu ta' mħuħ u l-ħolqien ta' aktar opportunitajiet u li tiġi żgurata perspettiva pożittiva għaż-żgħażagħ.
7. Ir-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien u l-kooperazzjoni reġjonali jibqgħu elementi essenzjali tal-Proċess ta' Tkabbir, kif ukoll tal-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni. Il-Kunsill jilqa' l-progress li sar u jtenni l-importanza ta' kooperazzjoni reġjonali, ħaġa li għet enfasizzata wkoll waqt is-Summit ta' Sofija, u b'mod partikolari tal-konnettività fi ħdan ir-reġjun u mal-UE. Huwa jappoġġa bis-sħiħ inizzjattivi kostruttivi u strutturi li jsaħħu l-kooperazzjoni reġjonali inklużiva. Il-Kunsill jappella għal aktar sforzi biex jingħelbu l-problemi li ġejjin mill-imġhoddi u biex titrawwem ir-rikonċiljazzjoni, inkluż billi tiġi promossa klima ta' tolleranza. Dikjarazzjonijiet u azzjonijiet, li għandhom impatt negattiv fuq ir-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien u fuq is-soluzzjoni paċifika tat-tilwim, għandhom jiġu evitati. Sforzi deċiżivi u d-determinazzjoni politika l-aktar b'saħħitha huma meħtieġa biex ikun żgurat li jiġi solvut tilwim bilaterali pendenti. Barra minn hekk, il-Kunsill itenni l-ħtieġa li jiġu ttrattati kawżi domestiċi ta' delitti tal-gwerra mingħajr diskriminazzjoni, li tiġi indirizzata l-impunità u li tiġi żgurata r-responsabbiltà, inkluż permezz ta' kooperazzjoni reġjonali sinifikanti u kooperazzjoni sħiħa mal-Mekkaniżmu għat-Tribunali Kriminali Internazzjonali u l-Awli Speċjalizzati u appoġġ għall-ħidma tagħhom. Tilwim u kwistjonijiet pendenti għandhom jiġu solvuti f'konformità mad-dritt internazzjonali u prinċipji stabbiliti, inkluż il-Ftehim dwar Kwistjonijiet ta' Suċċessjoni.

8. Il-Kunsill itenni l-importanza tal-approfondiment ulterjuri tal-kooperazzjoni fi kwistjonijiet ta' politika barranija u jistenna allinjament imsaħħaħ mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE, b'mod partikolari dwar kwistjonijiet li jikkonċernaw interessi komuni importanti, pereżempju dwar miżuri restrittivi u l-indirizzar ta' theddid ibridu. Is-sħubija fl-UE hija għażla, u waħda li tirrikjedi l-kondiviżjoni tal-prinċipji, il-valuri u l-miri li l-Unjoni tfittex li tippromwovi fil-viċinat tagħha u lil hinn minnu, inkluż il-kisba ta' allinjament sħiħ mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni, u t-trażżin ta' kwalunkwe azzjoni kuntrarja għaliha.
9. Filwaqt li jirrikonoxxi b'mod partikolari l-importanza tal-liberalizzazzjoni tal-viża għaċ-ċittadini, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kummissjoni biex tkompli tissorvelja mill-qrib l-implimentazzjoni tal-kondizzjonijiet kollha stabbiliti għal-liberalizzazzjoni tal-viża, inkluż permezz tal-mekkaniżmu ta' segwitu tagħha. Filwaqt li jfakkar fil-mekkaniżmu ta' sospensjoni, il-Kunsill iħeġġeġ lill-awtoritajiet ikkonċernati biex jintensifikaw l-isforzi tagħhom biex jindirizzaw il-fluss ta' applikazzjonijiet ta' asil manifestament mingħajr bażi.
10. It-terroriżmu, ir-radikalizzazzjoni u l-kriminalità organizzata għadhom ta' theddida għas-sigurtà tal-UE u tar-reġjun kollu. F'konformità ma' konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill, il-Kunsill ifakkar fl-importanza tad-dimensjoni esterna tal-ħidma tal-UE fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u ta' aktar tisħiħ tal-kooperazzjoni mat-Turkija u l-Balkani tal-Punent fil-ġlieda kontra t-terroriżmu, b'mod partikolari rigward il-ġlieda kontra ġellieda terroristi barranin u l-finanzjament tat-terroriżmu, il-prevenzjoni tar-radikalizzazzjoni u l-ġlieda kontriha, il-kontrolli msaħħa tal-fruntieri u t-traffikar illegali ta' armi tan-nar u armi ħfief. Aktar sforzi u rekord tajjeb huma meħtieġa wkoll fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata. Filwaqt li jfakkar fl-appoġġ tal-UE, b'mod partikolari permezz tal-Governanza Integrattiva tas-Sigurtà Interna (IISG), il-Kunsill ikompli jappella lis-sħab biex isaħħu u jinfurzew il-miżuri legali u operazzjonali f'dawn l-oqsma kollha.

11. Il-Kunsill ifaħħar lit-Turkija u lill-Balkani tal-Punent għall-isforzi mġedda u l-kooperazzjoni kostruttiva tagħhom biex jindirizzaw il-kriżi tal-migrazzjoni, li wasslu għal riżultati ċari. Il-Kunsill itenni li implimentazzjoni kontinwa tad-Dikjarazzjoni bejn l-UE u t-Turkija u appoġġ kontinwu għas-sħab tul ir-rotta tal-Balkani tal-Punent huma meħtieġa. Jenħtieġu azzjonijiet ulterjuri biex tiġi żgurata kapaċità amministrattiva u ta' infurzar suffiċjenti biex jiġu indirizzati l-isfidi tal-migrazzjoni, inkluż il-ġlieda kontra l-faċilitazzjoni tal-immigrazzjoni illegali. L-UE ser tkompli bl-appoġġ finanzjarju u l-assistenza teknika tagħha biex issaħħaħ il-kooperazzjoni f'dan il-qasam, inkluż permezz tal-Faċilità tal-UE għar-Refuġjati fit-Turkija.
12. Il-Kunsill ikompli jenfasizza l-importanza ta' komunikazzjoni strateġika biex jiġi żgurat appoġġ u fehim mill-pubbliku fir-rigward tal-benefiċċji u l-obbligi tat-tkabbir, filwaqt li tiġi indirizzata d-diżinformazzjoni. Il-Kunsill jissottolinja r-responsabbiltà tas-sħab kollha li jikkomunikaw b'mod ċar daww il-benefiċċji u l-obbligi, kif ukoll l-impenn tagħhom stess għall-valuri u l-perspettivi tal-UE. L-impenn kontinwu tal-UE u tal-Istati Membri tagħha, anki fil-ksib ta' politika strateġika aktar effettiva dwar il-komunikazzjoni kemm mas-sħab kif ukoll maċ-ċittadini tal-UE, b'mod partikolari permezz tat-Task Force StratCom għall-Balkani tal-Punent, jibqa' kruċjali.
13. Il-Kunsill ifakkar fl-assistenza finanzjarja u teknika kontinwa tal-UE għall-Proċess ta' Tkabbir u l-Proċess ta' Stabbilizzazzjoni u ta' Assoċjazzjoni, b'mod partikolari fil-forma tal-Istrument għall-Assistenza ta' Qabel l-Adeżjoni (IPA II), li r-rieżami ta' nofs it-terminu tiegħu qed jiġi ffinalizzat. Il-fokus għandu jibqa' fuq il-prijoritajiet prinċipali u l-koerenza msaħħa bejn l-assistenza finanzjarja u l-progress ġenerali li sar fl-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' qabel l-adeżjoni, inkluż permezz tal-iżborż ta' premju għall-prestazzjoni bbażat fuq il-progress u r-riżultati miksuba.
14. Il-Kunsill jilqa' t-tneġġja tal-Aġenda ta' Prijoritajiet ta' Sofija, li tibbaża fuq l-aspetti rilevanti tal-Komunikazzjoni tal-Kummissjoni adottata fis-6 ta' Frar 2018.

TKABBIR

MONTENEGRO

15. Il-Kunsill jilqa' l-progress ġenerali li sar fin-negozjati mal-Montenegro dwar l-adeżjoni, fejn minn 35 kapitolu s'issa infetħu 31, u 3 ngħalqu proviżorjament. Bil-qafas istituzzjonali komplut u l-qafas legali fil-biċċa l-kbira tiegħu fis-seħħ, is-sistema kollha tal-istat tad-dritt issa għandha tagħti aktar riżultati tanġibbli u rekord imsaħħa u sostenibbli. B'mod partikolari, il-Kunsill ifakkar li l-progress fir-rigward tal-kapitoli dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali, kif stabbilit fil-Qafas tan-Negozjar, ser ikompli jiddetermina r-ritmu tan-negozjati dwar l-adeżjoni b'mod ġenerali. Għaldaqstant, il-Montenegro issa għandu jiffoka l-isforzi ta' riforma tiegħu biex jintlaħqu l-punti ta' riferiment interim għall-kapitoli 23 u 24, u biex jiġu implimentati l-Pjanijiet ta' Azzjoni rispettivi.
16. Il-Kunsill iħeġġeġ bis-sħiħ lill-Montenegro biex jintensifika l-għlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, il-ħasil tal-flus u t-traffikar ta' bnedmin, inkluż investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni finali effettivi, u biex itejjeb is-sekwestru u l-konfiska ta' assi kriminali. Attakki reċenti kontra ġurnalisti jenfasizzaw il-ħtieġa urġenti li l-awtoritajiet jiggarantixxu klima sikura, li jiffaċilita l-libertà ta' espressjoni u l-indipendenza tal-mezzi ta' komunikazzjoni. Aktar azzjonijiet huma wkoll meħtieġa biex titkompla r-riforma tal-amministrazzjoni pubblika u biex tissaħħaħ l-indipendenza tal-istituzzjonijiet.
17. Rigward ir-riformi ekonomiċi, il-Kunsill, f'konformità mal-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u t-Turkija, jinnota b'mod pożittiv it-tkabbir ekonomiku kontinwu u jħeġġeġ lill-Montenegro biex jieħu miżuri li jiżguraw is-sostenibbiltà fiskali, inaqqsu d-dejn pubbliku kbir, inaqqsu id-defiċit kummerċjali, javvanzaw riformi f'oqsma importanti bħall-akkwist pubbliku u s-suq tax-xogħol u jtejbju l-ambjent tan-negozju.

18. Fir-rigward tal-elezzjonijiet, jeħtieġ li l-awtoritajiet tal-Montenegro jindirizzaw l-irregolaritajiet kollha rapportati mill-osservaturi internazzjonali u jżommu l-impenn politiku għal proċess ta' riforma elettorali komprensiv u inklużiv, sabiex tizzied il-fiduċja fil-qafas elettorali. Il-Kunsill itenni li l-issoktar tad-dibattitu politiku fil-Parlament għadu r-responsabbiltà tal-partijiet kollha.
19. Il-Kunsill jilqa' bi pjaċir ir-rwol pożittiv kontinwu tal-Montenegro fl-iżvilupp ulterjuri tal-kooperazzjoni reġjonali u fil-progress ta' relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien.
20. Il-Kunsill ifaħħar bis-sħiħ lill-Montenegro għall-kooperazzjoni konsistenti tiegħu rigward kwistjonijiet ta' politika barranija, u b'mod partikolari l-allinjament sħiħ kontinwu tiegħu mal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE.

SERBJA

21. Il-Kunsill jilqa' l-progress ġenerali li sar fin-negozjati dwar l-adeżjoni, fejn minn 35 kapitoli ta' negozjar s'issa infetħu 14, u 2 kapitoli nġhalqu proviżorjament. Il-Kunsill ifakkar li l-progress fir-rigward tal-kapitoli dwar l-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali kif ukoll fir-rigward tan-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet tas-Serbja mal-Kosovo kif stabbilit fil-Qafas tan-Negozjar, huwa essenzjali u ser ikompli jiddetermina l-pass tan-negozjati għall-adeżjoni b'mod ġenerali. L-implimentazzjoni tal-punti ta' riferiment interim għall-kapitoli 23 u 24 u tal-Pjanijiet ta' Azzjoni rispettivi għandha tkompli tiggwida r-riformi futuri b'mod li jwassal għal rekord tajjeb.
22. Il-Kunsill jilqa' l-impenn affermat mill-ġdid tal-gvern Serb għall-integrazzjoni fl-UE bħala l-oġettiv strateġiku tiegħu. Issa huwa kruċjali li din l-għażla strateġika tkun ikkomunikat b'mod aktar attiv u mingħajr ambigwià fid-dibattitu pubbliku.

23. Il-Kunsill iħeġġeġ lis-Serbja biex tintensifika b'mod sinifikanti l-isforzi ta' riforma tagħha fil-qasam tal-istat tad-dritt, u b'mod partikolari biex tiżgura l-indipendenza u l-effiċjenza ġenerali tas-sistema ġudizzjarja. Jeħtieġ li tingħata attenzjoni speċjali lil implimentazzjoni ta' riforma effettiva f'dan il-qasam, inkluż riżultati tanġibbli u rekord sostenibbli b'investigazzjonijiet, prosekuzzjonijiet u kundanni finali effettivi, b'mod partikolari fir-rigward tal-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-kriminalità organizzata u l-ħasil tal-flus. In-nuqqas ta' progress fil-qasam tal-libertà ta' espressjoni jqajjem tħassib dejjem akbar. L-awtoritajiet għandhom jiggarrantixxu klima sikura li tiffaċilita l-eżerċitar mingħajr ostakli tal-libertà ta' espressjoni u l-indipendenza tal-mezzi ta' komunikazzjoni bħala kwistjoni ta' prijorità, inkluż bit-tisħiħ tal-isforzi biex jiġu investigati każijiet ta' attacchi fuq ġurnalisti. Jeħtieġ li s-Serbja tagħti attenzjoni partikolari lir-rispett sħiħ tad-drittijiet fundamentali, inkluż il-protezzjoni tal-gruppi l-aktar vulnerabbli, kif ukoll it-trattament nondiskriminatorju ta' minoranzi nazzjonali fis-Serbja kollha, speċjalment fl-oqsma tal-edukazzjoni, l-użu ta' lingwi minoritarji, l-aċċess għas-servizzi tal-mezzi ta' komunikazzjoni u dawk reliġjużi bil-lingwi minoritarji. Każijiet ta' diskors ta' mibegħda, intimidazzjoni u attacchi għandhom jiġu indirizzati minnufih u bis-sħiħ. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu għal implimentazzjoni effettiva tad-dokumenti strateġiċi rilevanti. Barra minn hekk, jeħtieġ li jissaħħu t-trasparenza, l-inklużività u l-kwalità tat-tfassil tal-liġijiet, inkluż permezz tal-promozzjoni ta' ambjent abilitanti għas-soċjetà ċivili. Aktar progress fir-rigward tal-funzjonament xieraq ta' korpi indipendenti u istituzzjonijiet demokratiċi, inkluż sorveljanza parlamentari, kif ukoll fir-rigward tar-riformi kostituzzjonali, huwa urġentement neċessarju. Wara l-aħħar elezzjonijiet, il-Kunsill jissottolinja li r-rakkomandazzjonijiet tal-osservaturi elettorali internazzjonali jeħtieġu jiġu segwiti bħala kwistjoni ta' prijorità. Il-Kunsill jenfasizza wkoll l-importanza tat-trattament domestiku ta' delitti tal-gwerra u ta' kooperazzjoni sħiħa mal-Mekkaniżmu għat-Tribunali Kriminali Internazzjonali (MICT).
24. Dwar ir-riformi ekonomiċi, f'konformità mal-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u t-Turkija, il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv il-progress kontinwu li sar u jħeġġeġ lis-Serbja biex tkompli ttejjeb l-ambjent tan-negozju, tindirizza d-dejn tal-gvern u tavvanza l-implimentazzjoni tar-riformi strutturali, b'mod partikolari fis-setturi tal-enerġija u t-trasport, is-suq tax-xogħol, l-amministrazzjoni tat-taxxa u l-akkwist pubbliku, inkluż ir-ristrutturar u l-privatizzazzjoni tal-intrapriżi tal-istat.

25. Fir-rigward tad-Djalogu ffaċilitat mill-UE bejn Belgrad u Pristina, il-Kunsill jilqa' l-fatt li ż-żewġ naħat impenjaw ruħhom vis-à-vis ir-Rappreżentant Għoli biex jaħdmu għan-normalizzazzjoni komprensiva tar-relazzjonijiet, inkluż fil-forma ta' ftehim legalment vinkolanti, li huwa element strumentali għat-toroq Ewropej rispettivi tagħhom u essenzjali għall-istabbiltà reġjonali sostenibbli.
26. Il-Kunsill jilqa' l-bidu li ilu mistenni żmien twil tal-ħidma tal-Iskwadra tal-Ġestjoni biex jabbozza l-istatut tal-Assoċjazzjoni/Komunità tal-muniċipalitajiet b'magħgoranza Serba fil-Kosovo, f'konformità mal-Ftehim ta' Brussell tal-2013 u l-Ftehim ta' Awwissu tal-2015 u jistenna li ż-żewġ naħat jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv fil-proċess sabiex jiġi sodisfatt b'mod rapidu dan l-impenn dejjiemi. Il-Kunsill jappella biex jingħelbu malajr l-ostakli li għad fadal fl-implimentazzjoni tal-ftehim dwar l-Enerġija. B'kont meħud tal-pass kajman tal-progress, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li titlesta l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kollha l-oħra tal-passat u b'mod partikolari l-Pont Mitrovica, il-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri u r-rikonnoxximent reċiproku tad-diplomi. Il-Kunsill ihegġegħ lis-Serbja biex timplimenta bona fide malajr il-parti tagħha tal-ftehimiet kollha tal-passat u biex timpenja ruħha b'mod kostruttiv mal-Kosovo fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet futuri. Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni tal-ftehim dwar il-Ġustizzja fil-ħarifa 2017 li jiżgura l-funzjonament ta' ġudikatura integrata fil-Kosovo u joffri aċċess għall-ġustizzja għall-komunitajiet kollha. Il-Kunsill ser ikompli jagħmel monitoraġġ mill-qrib tal-impenn kontinwu tas-Serbja lejn progress viżibbli u sostenibbli fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mal-Kosovo, sabiex is-Serbja u l-Kosovo jkunu jistgħu jkomplu fit-toroq Ewropej rispettivi tagħhom, waqt li jiġi evitat li wieħed minnhom ikun jista' jimblokka lill-ieħor f'dawn l-isforzi u bil-prospett li t-tnejn ikunu jistgħu, b'mod sħiħ, jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jonoraw ir-responsabbiltajiet tagħhom. Il-Kunsill jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma tar-Rappreżentant Għoli biex jiġi ffaċilitat id-Djalogu u jistenna b'interess l-involvement aktar intensiv tagħha mal-partijiet, bil-ħsieb li tintlaħaq normalizzazzjoni komprensiva.
27. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lis-Serbja biex progressivament tallinja ruħha mal-Politika Esera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE, f'konformità mal-Qafas ta' Negożjar, u biex treġġa' lura t-tendenza attwali ta' tnaqqis bħala kwistjoni ta' prijorità.

28. Il-Kunsill jappella wkoll lis-Serbja biex toqgħod lura milli tiddevja mill-politika komuni tal-UE dwar il-viżi, fejn prattiki reċenti, bħall-konklużjoni tal-ftehim dwar il-liberalizzazzjoni tal-viżi ma' ċerti pajjiżi terzi, wasslu għall-tħassib.
29. Il-Kunsill jilqa' l-impenn kostruttiv tas-Serbja fil-kooperazzjoni reġjonali u jhegħgeġ lis-Serbja biex tkompli l-isforzi sostnuti tagħha biex issaħħaħ ir-relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien.

TURKIJA

30. Il-Kunsill jafferma mill-ġdid l-importanza li huwa jagħti lir-relazzjonijiet tal-UE mat-Turkija, sieħeb ewlieni. Huwa jibqa' impenjat li jibqa' jkollu djalogu miftuħ u sinċier, li jindirizza l-isfidi komuni u li jikkoopera f'oqsma essenzjali ta' interess konġunt bħall-migrazzjoni, il-ġlieda kontra t-terroriżmu, l-enerġija, it-trasport, l-ekonomija u l-kummerċ. Il-Kunsill ifaħħar l-isforzi sinifikanti tat-Turkija biex tospita u tindirizza l-ħtiġijiet ta' aktar minn 3.5 miljun refuġjati. L-implimentazzjoni kontinwa tad-Dikjarazzjoni UE-Turkija, li tnaqqas il-qsim irregolari u perikoluż u ssalva l-ħajjiet fil-Baħar Eġew, hija fl-interess taż-żewġ naħat u tibqa' kruċjali. Il-ġestjoni msaħħa tal-fruntieri komuni mal-UE tibqa' ta' prijetà. Sakemm il-Ftehim ta' Riammissjoni bejn l-UE u t-Turkija jiġi implimentat b'mod sħiħ u effettiv vis-à-vis l-Istati Membri kollha, il-ftehimiet bilaterali eżistenti ta' riammissjoni u dispożizzjonijiet fi ftehimiet u arranġamenti simili mal-Istati Membri tal-UE, għandhom jiġu implimentati b'mod adegwat. Il-kooperazzjoni fil-qasam tal-ġustizzja u l-affarijiet interni mal-Istati Membri kollha tal-UE tibqa' essenzjali.

31. Il-Kunsill ifakkar fil-konklużjonijiet tiegħu tat-18 ta' Lulju 2016 li fihom ikkundanna minnufih u b'mod qawwi t-tentattiv ta' kolp ta' stat tal-15 ta' Lulju u esprima solidarjetà mal-poplu Tork u appoġġ sħiħ għall-istituzzjonijiet demokratiċi fit-Turkija. Madankollu, l-iskala u l-ambitu sproporzjonati tal-miżuri meħuda wara l-kolp ta' stat iqajmu tħassib serju. Il-Kunsill ifakkar fl-istandards internazzjonali u l-obbligi li t-Turkija ssieħbet magħhom u li impenjat ruħha għalihom, u jappella lit-Turkija biex treġġa' lura urġentement dawn ix-xejriet negattivi.
32. Il-Kunsill huwa b'mod partikolari mħasseb dwar id-deterjorament persistenti u inkwetanti ħafna fir-rigward tal-istat tad-dritt u d-drittijiet fundamentali inkluż il-libertà ta' espressjoni. Id-deterjorament tal-indipendenza u l-funzjonament tal-ġudikatura ma tistax tkun aċċettata u lanqas ma jistgħu r-restrizzjonijiet, id-detenzjonijiet, il-priġunerija, u l-miżuri oħra attwali li għandhom fil-mira tagħhom ġurnalisti, akkademiċi, membri tal-partiti politiċi, inkluż deputati parlamentari, difensuri tad-drittijiet tal-bniedem, utenti tal-mezzi ta' komunikazzjoni soċjali u persuni oħra li jeżerċitaw id-drittijiet u l-libertajiet fundamentali tagħhom. Il-Kunsill itenni t-tħassib gravi tiegħu dwar dawn l-iżviluppi negattivi, kif ukoll dwar id-detenzjoni kontinwa ta' ċittadini tal-UE, inkluż żewġ suldati Griegi. Jeħtieġ li t-Turkija tindirizza b'mod urġenti u effettiv dawn in-nuqqasijiet serji u l-kwistjonijiet pendent u bosta oħrajn bħalhom li ġew identifikati fir-rapport tal-Kummissjoni. It-Turkija għandha tintensifika wkoll il-kooperazzjoni tagħha mal-Kunsill tal-Ewropa u l-korpi u l-istituzzjonijiet rilevanti tiegħu, tindirizza r-rakkomandazzjonijiet prinċipali tagħhom u timplimenta s-sentenzi kollha tal-Qorti Ewropea tad-Drittijiet tal-Bniedem skont l-Artikolu 46 tal-KEDB. Il-Kunsill jinnota speċifikament li l-aħħar emendi għall-Kostituzzjoni Torka kienu vvalutati b'mod kritiku mill-Kummissjoni ta' Venezja bħala nieqsa mill-verifiki u bilanċi suffiċjenti u li jipperikolaw is-separazzjoni tal-poteri.

33. Il-Kunsill għadu jistenna li t-Turkija tikkommetti ruħha b'mod inekwivoku għal relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien, ftehimiet internazzjonali, u għar-riżoluzzjoni paċifika tat-tilwim, b'rikors, jekk meħtiegħ, għall-Qorti Internazzjonali tal-Ġustizzja. Filwaqt li jfakkar u jafferma l-konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill u tal-Kunsill Ewropew f'dawn l-aspetti kollha, inkluż il-konklużjonijiet tal-Kunsill Ewropew tat-22 ta' Marzu 2018 li jikkundannaw bil-qawwa l-azzjonijiet illegali kontinwi tat-Turkija fil-Lvant tal-Mediterran u fil-Baħar Eġew, il-konklużjonijiet tal-Kunsill tal-11 ta' Diċembru 2006 kif ukoll id-Dikjarazzjoni tal-21 ta' Settembru 2005, il-Kunsill jappella lit-Turkija biex tissodisfa l-obbligi tagħha skont il-Qafas ta' Negożjar, inkluż l-implimentazzjoni sħiħa u nondiskriminatorja tal-Protokoll Addizzjonali għall-Ftehim ta' Assoċjazzjoni fir-rigward tal-Istati Membri kollha. Il-Kunsill itenni li r-rikonossiment tal-Istati Membri kollha huwa essenzjali. Huwa imperattiv li t-Turkija tevita theddid u azzjonijiet ta' dannu għar-relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien, tinnormalizza r-relazzjonijiet tagħha mar-Repubblika ta' Ċipru u tirrispetta s-sovranità tal-Istati Membri kollha tal-UE fuq il-baħar territorjali u l-ispazju tal-ajru tagħhom kif ukoll id-drittijiet sovrani kollha tagħhom, inkluż fost l-oħrajn id-dritt li r-riżorsi naturali jkunu esplorati u sfruttati, f'konformità mad-dritt tal-UE u dak internazzjonali, inkluż UNCLOS. Jibqa' kruċjali li t-Turkija timpenja ruħha u tikkontribwixxi għal soluzzjoni komprensiva tal-problema fir-rigward ta' Ċipru, inkluż l-aspetti esterni tagħha, fi ħdan il-qafas tan-NU f'konformità mar-riżoluzzjonijiet rilevanti tal-KSNU u skont il-prinċipji li fuqhom ġiet stabbilita l-UE u l-*acquis communautaire*, kif ukoll li toqgħod lura minn kwalunkwe attività li tikkontribwixxi għall-polarizzazzjoni tal-Istati Membri tal-UE.
34. Il-Kunsill itenni l-appell tiegħu lit-Turkija biex tallinja b'mod progressiv mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE u treġġa' lura t-tendenza attwali ta' tnaqqis bħala kwistjoni ta' prijorità u jfakkar fil-pożizzjoni tiegħu dwar l-adeżjoni tal-Istati Membri għall-organizzazzjonijiet.
35. Il-Kunsill jinnota li t-Turkija qiegħda titbiegħed dejjem aktar mill-Unjoni Ewropea. Għaldaqstant, in-negożjati mat-Turkija dwar l-adżjoni fil-fatt kienu imblukkati u l-ebda kapitolu ulterjuri ma jista' jiġi kkunsidrat li jinfetaħ jew jingħalaq, u mhi prevista l-ebda hídma ulterjuri lejn il-modernizzazzjoni tal-Unjoni Doganali UE-Turkija.

PROĊESS TA' STABBILIZZAZZJONI U TA' ASSOĊJAZZJONI

EKS-REPUBBLIKA JUGOSLAVA TAL-MAĊEDONJA

36. Il-Kunsill jilqa' il-fatt li l-pajjiż għeleb il-kriżi politika serja tiegħu, inkluż permezz ta' implimentazzjoni kontinwa tal-Ftehim ta' Pržino u progress sostanzjali fir-rigward tal-Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti. Il-Kunsill jilqa' li, minn Mejju 2017, anki f'kuntest politiku diffiċli, il-gvern il-ġdid ħa passi sinifikanti biex gradwalment terġa' tqum fuq saqajha kultura ta' kompromess billi għamel kuntatt mal-partijiet ikkonċernati kollha inkluż l-oppożizzjoni, biex isahha id-demokrazija u l-istat tad-dritt, biex juri xewqa ġenwina li jwettaq riformi b'mod inklużiv u trasparenti, u għamel kuntatt mal-ġirien tiegħu f'ispiritu ta' relazzjonijiet tajba bejn il-ġirien.
37. Bħala parti mill-ftehim ta' Pržino, fil-11 ta' Diċembru 2016 saru elezzjonijiet parlamentari bikrija, u f'Ottubru 2017 ġew organizzati wkoll elezzjonijiet lokali. Il-Kunsill jinnota li l-OSKE/ODIHR iqisu li dawn l-aħħar elezzjonijiet kienu kompetittivi u li r-rispett tal-libertajiet fundamentali kkontribwixxew għat-twettiq tal-elezzjonijiet demokratiċi. Il-Kunsill jagħraf li sar progress biex jiġu indirizzati r-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE/ODIHR u terġa' tinkiseb il-fiduċja taċ-ċittadini fil-proċessi elettorali.
38. Il-Kunsill jilqa' l-ewwel progress konkret lejn il-kisba mill-ġdid tal-indipendenza tal-ġudikatura, it-titjib tal-ħidma tal-qrati u s-segwitu għall-ħidma tal-Uffiċċju tal-Prosekutur Speċjali, biex b'hekk jibda jsir irkupru wara d-deterjorament tas-snin ta' qabel. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza li titkompla tiġi stabbilita responsabbiltà legali għall-azzjonijiet ħżiena li nkixfu mill-interċettazzjonijiet telefoniċi tal-2015, u n-nuqqasijiet relatati ta' sorveljanza, u li trid tiġi stabbilita responsabbiltà għall-attakk fuq il-Parlament fis-27 ta' April 2017. Il-Kunsill iħeġġeġ biex tkompli l-implimentazzjoni tal-istrateġija ta' riforma ġudizzjarja u aktar sforzi biex jiġu indirizzati rakkomandazzjonijiet pendenti, jinkisbu aktar riżultati tanġibbli u jiġi żgurat li l-ġudikatura tista' taħdem b'mod indipendenti.

39. Il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv il-progress li nkiseb biex timxi 'l quddiem l-aġenda ta' riforma tal-UE. Ihegġegħ lill-partijiet kollha jżommu d-djalogu kostruttiv u jkomplu jżidu l-momentum attwali tar-riforma, b'mod partikolari f'oqsma ewlenin tal-istat tad-dritt bħall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, ir-riforma tal-ġudikatura, il-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu, u r-riforma tas-servizzi tal-intelligence. Jenfasizza l-importanza ta' amministrazzjoni pubblika depolitiċizzata u bbażata fuq il-mertu, riforma elettorali, il-libertà tal-istampa, u t-tiżiħ tas-sorveljanza fuq l-eżekuttiv. Il-Kunsill ifakkar ukoll fl-importanza tal-implimentazzjoni effettiva ta' riformi li għaddejjin u daww ipplanati.
40. Il-Kunsill jilqa' r-rwol kostruttiv li taqdi s-soċjetà ċivili fl-appoġġ tal-proċessi ta' trasformazzjoni demokratiċi, it-titjib sostanzjali tal-ambjent li fih taħdem is-soċjetà ċivili u l-impenn lejn djalogu ġenwin u inklużività muri mill-gvern. Il-Kunsill ifakkar fl-importanza tar-relazzjonijiet tajbin bejn l-etniċitajiet, jappoġġa l-impenn tal-gvern u jilqa' li ttieħdu għadd ta' passi biex tinbena fiduċja akbar bejn il-komunitajiet u biex ikompli jiġi implimentat il-Ftehim Qafas ta' Ohrid.
41. Il-Kunsill jilqa' t-titjib notevoli fil-qafas tal-ġestjoni finanzjarja pubblika u t-trasparenza tiegħu. Il-Kunsill jappella wkoll lill-pajjiż, skont il-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u t-Turkija, biex jindirizza l-isfidi ewlenin bħall-ġlieda kontra l-ekonomija informali u l-korruzzjoni, l-indirizzar tan-nuqqas ta' infurzar sistematiku u effiċjenti tal-liġi u qafas regolatorju mhux trasparenti, it-trattament tal-qgħad għoli fost iż-żgħażaġh u n-nisa, u l-modernizzazzjoni tas-sistema edukattiva fil-livelli kollha.
42. Il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv li l-pajjiż hu aktar allinjat mal-Politika Etera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE u jhegġegħ lill-pajjiż ikompli jtejjeb l-allinjament tiegħu.

43. Kif stipulat f'konklużjonijiet preċedenti tal-Kunsill Ewropew u tal-Kunsill, huwa essenzjali li jinżammu relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien, inkluż soluzzjoni negoziata u aċċettata reċiprokament għall-kwistjoni tal-isem, taħt il-patroċinju tan-NU. Il-Kunsill jilqa' b'sodisfazzjon kbir l-iffirmar tal-ftehim dwar il-kwistjoni tal-isem mal-Greċja, li jikkonkludi d-diskussjonijiet li ilhom għaddejjin, u jistenna b'interess ir-ratifika u l-implimentazzjoni ta' dan il-Ftehim. Il-Kunsill jilqa' wkoll il-konklużjoni tat-Trattat ta' Ħbiberija, Viċinat tajjeb u Kooperazzjoni mal-Bulgarija u jenfasizza l-importanza tal-implimentazzjoni kontinwa tiegħu. Dawn iż-żewġ passi kbar għandhom itemmu b'mod effettiv kwalunkwe pretensjoni bbażata fuq interpretazzjoni żbaljata tal-istorja.
44. Fid-dawl tal-progress imsemmi hawn fuq, b'mod partikolari dwar l-implimentazzjoni tal-ftehim ta' Pržino, il-Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti u l-momentum pożittiv li nħoloq mill-ftehim dwar il-kwistjoni tal-isem mal-Greċja, il-Kunsill jaqbel li jirrispondi b'mod pożittiv għall-progress ta' hawn fuq li sar mill-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u jistabbilixxi t-triq lejn il-ftuħ ta' negozjati dwar l-adeżjoni f'Ġunju 2019. Għalhekk, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa kritika li l-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja tkompli tagħmel progress konkret fuq il-Prijoritajiet ta' Riforma Urġenti u li tagħti aktar riżultati tanġibbli fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni, filwaqt li żżomm u żżid il-momentum attwali tar-riforma. Għal dan il-għan, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib l-isforzi ta' riforma msemmija hawn fuq tal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja u ser jivvaluta l-progress fuq il-bażi tar-rapport ta' kull sena tal-Kummissjoni. Il-Kunsill ifakkar li d-deċiżjoni li jinfetħu n-negozjati dwar l-adeżjoni mal-Eks-Repubblika Jugoslava tal-Maċedonja ser tkun soġġetta għall-ikkompletar tal-proċeduri parlamentari nazzjonali u għall-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew u malajr wara jkun segwiti mill-ewwel Konferenza Intergovernattiva sa tmiem l-2019, skont il-progress li jkun sar. Il-Kunsill jissottolinja li din il-valutazzjoni tal-progress għandha tinkludi aktar riżultati tanġibbli u sostnuti, li jiffukaw b'mod partikolari fuq:
- riformi ġudizzjarji u investigazzjonijiet proattivi, prosekuzzjonijiet u kundanni finali f'każijiet ta' korruzzjoni u kriminalità organizzata, inkluż flivell għoli;
 - riforma tas-servizzi tal-intelligence u tas-sigurtà;
 - riforma tal-amministrazzjoni pubblika.
- Il-Kunsill jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibda l-ħidma preparatorja meħtieġa.

ALBANIJA

45. Il-Kunsill jilqa' il-progress stabbli tal-Albanija fit-twettiq ta' riformi marbutin mal-ħames prijoritajiet ewlenin: ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, ir-riforma tal-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni, il-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-ħarsien tad-drittijiet tal-bniedem, fosthom id-drittijiet ta' persuni li minn minoranzi u d-drittijiet tal-proprjetà. Ir-ristrutturar istituzzjonali tal-ġudikatura għaddej, bħala pedament ta' riforma komprensiva tal-ġustizzja. Il-proċess ta' evalwazzjoni mill-ġdid għall-imħallfin u l-prosekuturi (analiżi) beda jagħti l-ewwel riżultati tanġibbli, inkluż dwar membri għoljin tal-ġudikatura, taħt is-sorveljanza tal-Operazzjoni Internazzjonali ta' Monitoraġġ. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Albanija tkompli l-kooperazzjoni tajba tagħha mal-Operazzjoni Internazzjonali ta' Monitoraġġ. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Albanija tibni fuq il-progress sinifikanti li sar s'issa u twettaq b'mod intensiv ir-riforma tal-ġustizzja, bil-għan li żżid l-indipendenza, il-ġarr tar-responsabbiltà, il-professjonaliżmu u l-effiċjenza tas-sistema ġudizzjarja, partikolarment billi tmexxi 'l quddiem il-proċess ta' analiżi, li hu kruċjali għas-suċċess tagħha.
46. Il-Kunsill jilqa' l-isforzi għall-ħolqien ta' rekord tajjeb ta' investigazzjonijiet proattivi, prosekuzzjonijiet u kundanni finali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, filwaqt li jqis li ż-żarmar ta' gruppi ta' kriminalità organizzata għadu sfida importanti. Il-Kunsill jenfasizza l-importanza li l-Albanija tkompli tagħti riżultati tanġibbli u sostenibbli, fosthom fil-qasam speċifiku tal-ġlieda kontra l-kultivazzjoni u t-traffikar tad-drogi. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Albanija tkompli l-isforzi u tqawwihom biex tnaqqas il-kultivazzjoni tal-kannabis, billi tibni fuq l-ewwel riżultati sinifikanti li ġew osservati fl-aħħar xhur. Il-Kunsill ifaħħar lill-Albanija għall-kooperazzjoni mill-qrib u msaħħa tagħha mal-aġenziji tal-infurzar tal-liġi tal-Istati Membri tal-UE u jistenna li din il-prattika ta' benefiċċju reċiproku tkompli.

47. Il-Kunsill jissottolinja wkoll li jeħtieġ li l-Albanija tintensifika l-isforzi kollha tagħha f'dawn l-oqsma kollha u tiżgura li jinkisbu aktar riżultati tanġibbli fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni f'livell għoli wkoll, kif ukoll fiż-żarmar ta' networks ta' kriminalità organizzata. Għandu jkun hemm segwitu ġudizzjarju sistematiku għal operazzjonijiet ta' infurzar tal-liġi li jirnexxu. Fil-qafas tar-riforma tal-ġustizzja li għaddejja, l-istituzzjonijiet speċjalizzati għall-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata għadhom iridu jiġu stabbiliti skont il-qafas legali diġà fis-seħħ. Il-ħolqien ta' rekord tajjeb ta' investigazzjonijiet proattivi, prosekuzzjonijiet u kundanni fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni, fil-livelli kollha, għadu għan fit-tul essenzjali li jkompli jitlob aktar sforzi strutturati u konsistenti.
48. Il-Kunsill itenni l-ħtieġa għal miżuri legiſlattivi u ta' politika effettivi għat-tisħiħ tal-protezzjoni tad-drittijiet tal-bniedem u l-politiki kontra d-diskriminazzjoni, inkluż it-trattament ugwali tal-minoranzi kollha u l-aċċess għad-drittijiet għall-persuni li huma parti minnhom fl-Albanija kollha u għall-iżgurar ta' implimentazzjoni konsistenti tal-liġi qafas billi jiġu indirizzati fil-liġijiet sekondarji rilevanti l-kwistjonijiet pendenti kollha, inkluż id-dritt għal awtoidentifikazzjoni ħielsa. Il-Kunsill itenni wkoll il-ħtieġa għal implimentazzjoni effiċjenti tad-drittijiet tal-propjeta.
49. Il-Kunsill jinnota li djalogu konsistenti u kostruttiv bejn il-gvern u l-oppożizzjoni dwar riformi relatati mal-UE jibqa' kruċjali biex isir progress fl-aġenda ta' riforma għall-benefiċċju taċ-ċittadini, u biex il-pajjiż joqrob aktar lejn l-UE.
50. Il-Kunsill itenni li l-Albanija għandha ssaħħaħ ir-riformi li għandhom l-għan li jżidu l-kompetittività u jittrattaw l-ekonomija informali. Skont il-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u t-Turkija, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Albanija tkompli ttejjeb l-ambjent tan-negożju u l-investment, fost l-oħrajn billi tiżgura l-infurzar tad-drittijiet ta' proprjeta, tistinka għal konsolidazzjoni fiskali u ssaħħaħ l-amministrazzjoni tat-taxxa. Il-Kunsill jilqa' xi progress li sar fil-liberalizzazzjoni tas-suq tal-enerġija, l-infrastruttura tat-trasport u d-diġitalizzazzjoni. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Albanija tieħu passi biex tindirizza l-problema tal-ġestjoni tal-iskart.

51. Il-Kunsill ifaħħar ukoll l-allinjament sħiħ u kontinwu tal-Albanija mal-Politika Estera u ta' Sigurtà Komuni tal-UE. Il-Kunsill jilqa' l-impenn u l-progress fil-ġlieda kontra t-terroriżmu u l-ġlieda kontra l-estremiżmu vjolenti u jħeġġeġ lill-Albanija tkompli bl-isforzi.
52. Il-Kunsill jilqa' l-involviment kostruttiv kontinwu tal-Albanija fil-kooperazzjoni reġjonali. Il-Kunsill jinsab ukoll kuntent li l-Albanija intensifikat id-djalogu mal-pajjiżi ġirien biex tindirizza kwistjonijiet bilaterali importanti u biex tiżgura relazzjonijiet tajbin bejn il-ġirien, li għadhom essenzjali.
53. Il-Kunsill jinnota b'mod pożittiv li l-Albanija żiedet l-isforzi biex iddaħħal fis-seħħ miżuri effettivi bil-għan li tiġġieled il-fluss għoli ta' applikazzjonijiet għall-asil ovvjament bla bażi li jagħmlu ċittadini Albaniżi lil Stati Membri tal-UE u pajjiżi Assoċjati ta' Schengen. Dawn il-miżuri jridu jkomplu jittieħdu, flimkien ma' kooperazzjoni u djalogu kontinwi mal-aktar pajjiżi milquta, sa ma jinkisbu riżultati sostnuti.
54. Fid-dawl tal-progress imsemmi hawn fuq, b'mod partikolari dwar il-ħames prijoritajiet ewlenin, il-Kunsill jaqbel li jirrispondi b'mod pożittiv għall-progress ta' hawn fuq li sar mill-Albanija u jistabbilixxi t-triq lejn il-ftuħ tan-negożjati dwar l-adeżjoni f'Ġunju 2019. Għaldaqstant, il-Kunsill jissottolinja l-ħtieġa kritika biex l-Albanija tikkonsolida aktar l-progress magħmul rigward ir-riforma ġudizzjarja b'mod partikolari permezz ta' analiżi, u tagħti aktar riżultati tanġibbli fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni fil-livelli kollha u fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata, b'mod partikolari dwar il-kultivazzjoni u t-traffikar tad-droga, filwaqt li żżomm u tapprofondixxi l-momentum attwali tar-riforma. Dan jinkludi:
- aktar progress fil-proċess ta' rievalwazzjoni tal-imħallfin u l-prosekuturi, b'mod partikolari l-ikkompletar tad-dossiers prijoritarji kollha, u l-finalizzazzjoni tal-istabbiliment ta' strutturi ġudizzjarji indipendenti kif previst fir-riforma Kostituzzjonali;
 - il-finalizzazzjoni tal-istabbiliment ta' korpi speċjalizzati, jiġifieri l-Istruttura Speċjali kontra l-Korruzzjoni u l-Kriminalità Organizzata (SPAK) u l-Uffiċċju Nazzjonali tal-Investigazzjoni (NBI) u l-Qorti;
 - it-tisħiħ tar-rekord ta' investigazzjonijiet proattivi, prosekuzzjonijiet u kundanni finali fil-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, inkluż f'livell għoli.

Għal dan il-għan, il-Kunsill jappella lill-Kummissjoni biex tissorvelja mill-qrib l-isforzi ta' riforma msemmija hawn fuq tal-Albanija u ser jivvaluta l-progress fuq il-bażi tar-rapport annwali tal-Kummissjoni. Il-Kunsill ifakkar li d-deċiżjoni li jinfetħu n-negozjati dwar l-adeżjoni mal-Albanija ser tkun soġġetta għall-ikkompletar tal-proċeduri parlamentari nazzjonali u għall-approvazzjoni mill-Kunsill Ewropew u malajr wara ser ikunu segwiti mill-ewwel Konferenza Intergovernattiva sa tmiem l-2019, skont il-progress li jkun sar. Il-Kunsill jissottolinja li din il-valutazzjoni tal-progress għandha tinkludi aktar riżultati tanġibbli u sostnuti, li jiffukaw b'mod partikolari fuq l-istat tad-dritt. Fir-rigward tal-elezzjonijiet, il-Kunsill jagħti importanti partikolari lill-indirizzar min-naħa tal-Albanija tar-rakkomandazzjonijiet pendenti tal-Uffiċċju għall-Istituzzjonijiet Demokratiċi u d-Drittijiet tal-Bniedem tal-Organizzazzjoni għas-Sigurtà u l-Kooperazzjoni fl-Ewropa. Il-Kunsill jagħti importanza partikolari wkoll lill-isforzi kontinwi tal-Albanija biex tnaqqas l-għadd ta' applikazzjonijiet manifestament infondati għall-asil u jitlob ukoll lill-Kummissjoni tiżgura li dan jitqies.

Il-Kunsill jieħu nota tal-intenzjoni tal-Kummissjoni li tibda l-ħidma preparatorja meħtieġa.

BOŻNIJA-HERZEGOVINA

55. Il-Kunsill jilqa' l-finalizzazzjoni tat-tweġibiet tal-pajjiż għall-Kwestjonarju tal-Opinjoni tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-Bożnija-Herzegovina għas-sħubija fl-UE permezz tal-mekkaniżmu ta' koordinazzjoni u jħeġġeġ lill-Bożnija-Herzegovina tagħmel aktar użu minn dan il-mekkaniżmu importanti għat-tnejja ta' dokumenti strateġiċi konsistenti u komprensivi mal-pajjiż kollu fosthom dawk mitluba skont il-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni. Il-Kunsill ifakkar li filwaqt li l-applikazzjoni għas-sħubija fl-UE tal-Bożnija-Herzegovina ta' Frar 2016 tirrappreżenta impenn strateġiku biex tavvanza lejn l-UE, jeħtieġ li tissarraf b'mod urġenti f'riżultati ta' riforma komprensivi fuq il-post. Il-Kunsill jilqa' l-adozzjoni ta' xi riformi orjentati lejn l-UE fil-Bożnija-Herzegovina bħal fuq id-dazji tas-sisa jew rigward strateġiji mal-pajjiż kollu għall-iżvilupp ambjentali u rurali. Madankollu, il-Kunsill jinnota bi tħassib li r-retorika diviżiva u l-kampanji ta' qabel l-elezzjonijiet naqqsu r-ritmu tar-riformi b'mod konsiderevoli, partikolarment fir-rigward tal-Aġenda ta' Riforma.

56. Il-Kunsill ifakkar li jistenna lill-Bożnija-Herzegovina tiżgura l-implimentazzjoni sħiħa u effettiva tal-Aġenda ta' Riforma skont il-pjan ta' azzjoni miftiehem mill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina u b'konsultazzjoni mill-qrib mas-soċjetà ċivili, għall-benefiċċju taċ-ċittadini tagħha u b'kooperazzjoni mill-qrib mal-Unjoni Ewropea, l-istituzzjonijiet finanzjarji internazzjonali u sħab internazzjonali. Riformi soċjoekonomiċi esklużivi, it-tisħiħ tal-istat tad-dritt, fost l-oħrajn it-tisħiħ tal-indipendenza u l-imparzjalità, kif ukoll il-ġarr tar-responsabbiltà, il-professjonaliżmu u l-effiċjenza tal-ġudikatura, il-ġlieda kontra l-korruzzjoni u l-kriminalità organizzata, kontra r-radikalizzazzjoni u t-terroriżmu, kontra l-migrazzjoni irregolari kif ukoll ir-riforma tal-amministrazzjoni pubblika skont standards Ewropej fil-livelli kollha tal-gvern, u aktar titjib tal-kooperazzjoni bejn il-livelli kollha tal-gvern, għadhom prijoritajiet għoljin.

Barra minn hekk, il-Kunsill jiddispijaċih għan-nuqqas ta' progress fuq il-libertà tal-espressjoni u l-bini ta' mezzi ta' komunikazzjoni indipendenti u jappella lill-Bożnija-Herzegovina tintensifika l-isforzi biex tindirizza din il-kwistjoni.

57. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Bożnija-Herzegovina tadotta bħala l-ogħla prijorità tagħha dispożizzjonijiet tal-kodiċi tal-proċedura kriminali tal-Bożnija-Herzegovina skont l-istandards internazzjonali. Jappella wkoll għall-adozzjoni sħiħa tal-Liġi dwar il-Kunflitt ta' Interessi kif ukoll il-Liġi dwar is-Servizzi ta' Intelligence.

58. Il-Kunsill jieħu nota tat-tħabbira tal-elezzjonijiet ġenerali skedati għas-7 ta' Ottubru 2018. Il-Kunsill jiddispjaċih għan-nuqqas ta' rieda għal kompromess li wrew s'issa l-partiti politiċi u jappella b'mod qawwi lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Ħerzegovina biex jemendaw b'mod urġenti l-qafas elettorali bi ħsieb li jiżguraw l-implimentazzjoni tar-riżultati tal-elezzjonijiet ta' Ottubru 2018. F'dan ir-rigward, hemm bżonn li l-mexxejja politiċi kollha jgħorru r-responsabbiltajiet tagħhom u jsibu soluzzjoni fir-rigward tal-Kamra Federali tal-Popli. Il-Kunsill iqis li l-approċċ lejn ir-riformi elettorali jeħtieġ li jsir fi spirtu ta' djalogu, bħala kwistjoni importanti, b'hekk ukoll isir appell lill-Bożnija-Ħerzegovina biex timplimenta r-rakkomandazzjonijiet tal-OSKE-ODIHR sabiex il-pajjiż jimxi lejn l-istandards Ewropej, waqt li jittejbu l-proċessi demokratiċi ta' elezzjonijiet futuri. Il-Kunsill jagħraf ukoll li kwistjonijiet oħra relatati mal-elezzjonijiet, inkluż dispożizzjonijiet għaż-żamma ta' elezzjonijiet lokali f'Mostar u l-Presidenza tal-Bożnija-Ħerzegovina, għandhom jiġu indirizzati fi żmien debitu wara l-elezzjonijiet, f'konformità mal-istandards Ewropej; f'dan ir-rigward, il-Kunsill jissottolinja li ma għandu jittieħed ebda pass leġislativ jew politiku li jista' jagħmel l-implimentazzjoni tas-sentenza Sejdić-Finci u sentenzi relatati aktar diffiċli. Madankollu, jenħtieġ li dawn ir-riformi ma jxekkklux implimentazzjoni ulterjuri tal-Aġenda ta' Riforma.
59. Il-Kunsill itenni wkoll l-impenn inekwivoku tiegħu lejn il-perspettiva tal-UE tal-Bożnija-Ħerzegovina bħala pajjiż uniku, magħqud u sovrani u jhegġegħ lill-awtoritajiet u l-forzi politiċi kollha fil-Bożnija-Ħerzegovina biex jегħlbu r-retorika diviżiva li għandha l-għeruq tagħha fil-passat, biex itemmu l-glorifikazzjoni tal-kriminali kkundannati tal-gwerra kif ukoll biex jippromwovu r-rikonċiljazzjoni b'mod attiv, inkluż permezz tal-edukazzjoni. Il-Kunsill ihegġegħ lill-Bożnija-Ħerzegovina biex tkompli tinvolvi ruħha b'mod attiv fil-kooperazzjoni reġjonali u l-bini ta' relazzjonijiet mal-ġirien.

60. Il-Kunsill jilqa' l-progress b'rabta mal-iżvilupp ekonomiku u l-kompetittività. Madankollu, skont il-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u t-Turkija, il-Kunsill jappella lill-Bożnija-Herzegovina tindirizza l-isfidi ewlenin bħal stat tad-dritt dgħajjef, ambjent tan-negozju li għadu fqir, in-nuqqas ta' spazju ekonomiku komuni, ambjent regolatorju frammentat, amministrazzjoni pubblika kbira u ineffiċjenti, ekonomija informali sostanzjali, aċċess dgħajjef għall-finanzi għal xi partijiet tal-ekonomija, il-korruzzjoni, żbilanċi fis-suq tax-xogħol b'qgħad strutturali kbir u rata baxxa ta' impjiegi marbuta ma' sistema tal-edukazzjoni fqira, kapaċitajiet istituzzjonali dgħajfa u klima ta' investiment mhux favorevoli, u ssaħħaħ il-qafas komprensiv għar-risoluzzjoni tal-banek. Il-Kunsill itenni wkoll il-ħtieġa għal aktar sforzi mill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina fil-qasam tal-protezzjoni ambjentali.
61. Il-Kunsill ihegġegħ lill-awtoritajiet tal-Bożnija-Herzegovina fil-livelli kollha jieħdu impenn attiv lejn il-proċess ta' tħejjija tal-Opinjoni tal-Kummissjoni u jagħtu l-kontribut tagħhom għat-talbiet tal-Kummissjoni. Il-Kunsill ifakkar li meta tħejji l-Opinjoni tagħha, jeħtieġ li l-Kummissjoni tagħti attenzjoni partikolari għall-implimentazzjoni tas-sentenza Sejdić-Finci. Filwaqt li jirrikonoxxi li l-Kostituzzjoni tal-Bożnija-Herzegovina telenka lill-Bosniaċi, lill-Kroati u lis-Serbi bħala popli kostitwenti (flimkien ma' Oħrajn), il-Kunsill itenni li l-prinċipji tal-ugwaljanza taċ-ċittadini kollha u tan-nondiskriminazzjoni għandhom ikunu garantiti għalkollox. Il-Kunsill ser jerġa' lura għall-proċess ta' integrazzjoni fl-UE tal-Bożnija-Herzegovina fuq il-bażi tal-Opinjoni futura tal-Kummissjoni dwar l-applikazzjoni tal-pajjiż għas-sħubija fl-UE.

KOSOVO

62. Il-Kunsill jissottolinja l-importanza tal-Ftehim ta' Stabbilizzazzjoni u Assoċjazzjoni (FSA) mal-Kosovo u jhegheg li jkompli l-implimentazzjoni tiegħu. Dan il-ftehim għall-UE biss, li huwa mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar l-istatus, jipprovdi l-qafas kuntrattwali li fih l-UE u l-Kosovo qed jintensifikaw il-kooperazzjoni tagħhom u jevalwaw l-iżviluppi fir-relazzjoni tagħhom. Joffri lill-Kosovo opportunità għal progress sostenibbli u rapprochement mal-Unjoni, skont il-perspettiva Ewropea tar-reġjun, u joħloq opportunitajiet ta' kummerċ u investment.
63. Il-Kunsill jilqa' r-ratifika mill-Assemblea tal-Kosovo tal-qbil dwar il-fruntiera/konfini mal-Montenegro f'Marzu 2018, li jikkostitwixxi l-issodisfar ta' wieħed mill-kriterji ewlenin għal liberalizzazzjoni tal-viża tal-Kosovo u kisba importanti fl-ispiritu tar-relazzjonijiet tajbin mal-ġirien. Il-Kunsill iqis il-ħsieb tal-Kummissjoni li tippreżenta valutazzjoni tal-punt ta' referenza finali fuq it-tisħiħ tar-rekord fil-ġlieda kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni u jistieden lill-Kummissjoni tirrapporta fuq jekk għadx qed jintlaħqu l-punti ta' referenza l-oħrajn.
64. Il-Kunsill jinsab kuntent li l-elezzjonijiet parlamentari u muniċipali, li saru fl-2017, kienu ġeneralment kompetittivi u amministrati sew f'ħafna postijiet fil-Kosovo. Madankollu, l-ambjent tal-kampanja xxekkel minn tendenza kbira ta' intimidazzjoni bejn is-Serbi fi ħdan ħafna komunitajiet Serbi tal-Kosovo. B'mod aktar miftuħ, il-Kunsill jappella lill-Kosovo biex jittratta d-dgħufijiet li ilhom jeżistu tal-proċess elettorali, iggwidat mir-rakkomandazzjonijiet tal-missjonijiet ta' osservazzjoni elettorali tal-UE u b'kooperazzjoni mill-qrib ma' atturi internazzjonali oħra fosthom l-OSCE/ODHIR.

65. Il-Kunsill iheggegħ sforzi akbar biex jinbena kunsens fl-ispettru politiku kollu biex isir progress fl-aġenda Ewropea tal-Kosovo. L-Assemblea għandha ttejjeb sostanzjalment il-prestazzjoni tagħha bħala l-forum ewlieni għall-ħidma legiſlattiva, id-djalogu u r-rappreżentazzjoni politiċi, kif ukoll fil-funzjonijiet tagħha ta' sorveljanza. Il-Kunsill jesprimi t-tħassib tiegħu dwar inċidenti ripetuti ta' vjolenza fl-Assemblea fuq il-vot ta' demarkazzjoni tal-fruntiera/konfini.
66. Il-Kunsill iheggegħ b'mod qawwi lill-Kosovo biex iħaffef l-implimentazzjoni tar-riformi komprensivi meħtieġa biex jintlaħqu l-obbligi tiegħu fil-qafas tal-FSA sabiex jittieħed benefiċċju sħiħ mill-opportunitajiet li dan joffri. Il-Kunsill jappella lill-Kosovo jirdoppja l-isforzi tiegħu biex ilesti l-implimentazzjoni sfiqa tal-Aġenda Ewropea għar-Riforma mnedija f'Novembru 2016, bil-għan li jittejjeb l-istat tad-dritt u l-iżvilupp soċjoekonomiku fil-Kosovo u jinbena rekord ta' implimentazzjoni tal-FSA.
67. Il-Kunsill jilqa' t-titjib fl-ambjent tan-negozju u jappella lill-Kosovo, partikolarment skont il-Konklużjonijiet Konġunti tad-Djalogu Ekonomiku u Finanzjarju bejn l-UE u l-Balkani tal-Punent u t-Turkija, iżid l-isforzi biex jiġġieled il-korruzzjoni u l-ekonomija informali, inaqqs il-qgħad għoli, b'mod partikolari l-qgħad fost iż-żgħażaġħ, itejjeb l-akkwist pubbliku, iħares id-drittijiet tal-proprjetà tal-investituri tal-UE, jiżgura proċeduri effettivi ta' infurzar tal-kuntratti, itejjeb l-edukazzjoni, iżid il-kapaċitajiet istituzzjonali u jsaħħaħ l-amministrazzjoni tat-taxxa kif ukoll ir-reżiljenza ġenerali tas-settur bankarju. Fil-qasam importanti tal-enerġija, jeħtieġ li l-Kosovo jżid l-effiċjenza fl-enerġija, irawwem l-enerġiji rinnovabbli u jkompli l-impenn tiegħu biex jiddikommisjona l-impjant tal-enerġija Kosovo A, l-ikbar sors ta' tniġġis fil-Balkani tal-Punent, anke biex titjeb il-kwalità tal-ħajja.

68. Il-Kunsill jappella lill-Kosovo jintensifika b'mod urġenti l-isforzi tiegħu biex itejjeb l-istat tad-dritt, fost l-oħrajn l-indipendenza ġudizzjarja u l-proċess dovut tal-liġi. Il-Kunsill jinnota li l-kuntest tat-tramuntana tal-Kosovo joffri sfidi partikolari, partikolarment il-ġlieda kontra netwerks kriminali li teħtieġ kooperazzjoni urġenti u effiċjenti tal-atturi involuti kollha, u għadu ferm imħasseb bil-qtil ta' Oliver Ivanović fit-tramuntana ta' Mitrovica f'Jannar 2018. Jisħaq fuq il-ħtieġa li l-awturi tar-reat jittellgħu l-qorti. Jeħtieġ ukoll li l-Kosovo jkompli jintensifika l-ġlieda tiegħu kontra l-kriminalità organizzata u l-korruzzjoni. Il-Kunsill jesprimi tħassib dwar id-deportazzjoni ta' sitt ċittadini Torok mingħajr rispett tad-drittijiet garantiti tagħhom. Il-Kunsill jinnota progress sostanzjali fil-ġlieda kontra r-radikalizzazzjoni, l-estremiżmu u t-terroriżmu u jhegħġeg aktar sforzi. F'dan il-kuntest, il-Kunsill jenfasizza b'mod partikolari l-ħtieġa għal koordinazzjoni effettiva u intensa ta' kooperazzjoni reġjonali u internazzjonali, inkluż mal-Europol u l-Eurojust, b'rispett sħiħ lejn ir-regolamentazzjoni tagħhom u mingħajr preġudizzju għall-pożizzjonijiet tal-Istati Membri dwar l-istatus.
69. Jeħtieġ li jiġu implimentati, b'rabta mar-riforma tal-amministrazzjoni pubblika, reklutaġġ abbażi tal-mertu u trasparenti, promozzjonijiet u sensji fuq il-bażi ta' kriterji oġġettivi, inkluż fil-każ ta' istituzzjonijiet u aġenziji indipendenti biex jiġi żgurat il-funzjonament indipendenti u ġestjoni effettiva ta' dawn il-korpi. Jeħtieġ li jkun hemm promozzjoni u protezzjoni effettivi tad-drittijiet tal-bniedem fil-Kosovo kollu, inkluż il-protezzjoni sħiħa tal-wirt kulturali u reliġjuż. L-inklużjoni u l-protezzjoni tal-persuni li jagħmlu parti minn minoranzi, inkluż sforzi addizzjonali biex jiġi implimentat il-qafas legali eżistenti u jiġu żgurati ambjent sigur u s-salvagwardja tad-drittijiet tagħhom għall-proprjetà, għandhom jiġu indirizzati, kif ukoll it-tisħiħ tal-koeżjoni soċjali.
70. Fir-rigward tad-Djalogu ffaċilitat mill-UE bejn Pristina u Belgrad, il-Kunsill jilqa' l-fatt li ż-żewġ naħat impenjaw ruħhom vis-à-vis ir-Rappreżentant Għoli biex jaħdmu għan-normalizzazzjoni komprensiva tar-relazzjonijiet, inkluż fil-forma ta' ftehim legalment vinkolanti, li huwa element ewlieni fit-toroq Ewropej rispettivi tagħhom u essenzjali għall-istabbiltà reġjonali sostenibbli.

71. Il-Kunsill jilqa' l-bidu li kien ilu mistenni żmien twil tal-ħidma tal-Iskwadra tal-Ġestjoni biex jabbozza l-istatut tal-Assoċjazzjoni/Komunità tal-muniċipalitajiet b'maġġoranza Serba fil-Kosovo, f'konformità mal-Ftehim ta' Brussell tal-2013 u l-Ftehim ta' Awwissu tal-2015 u jistenna li ż-żewġ naħat jinvolvu ruħhom b'mod kostruttiv fil-proċess sabiex jiġi sodisfatt malajr dan l-impenn li ilu għaddej. Il-Kunsill jappella biex jingħelbu malajr l-ostakli li għad fadal fl-implimentazzjoni tal-ftehim dwar l-Enerġija. B'kont meħud tal-pass kajman tal-progress, il-Kunsill jenfasizza l-importanza li titlesta l-implimentazzjoni tal-ftehimiet kollha l-oħra tal-passat u b'mod partikolari l-Pont Mitrovica, il-Ġestjoni Integrata tal-Fruntieri u r-rikonoxximent reċiproku tad-diplomi. Il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kosovo biex jimplimenta b'rieda tajba malajr il-parti tiegħu tal-ftehimiet kollha tal-passat u biex jinvolvi ruħu b'mod kostruttiv mas-Serbja fil-formulazzjoni u l-implimentazzjoni ta' ftehimiet futuri. Il-Kunsill jilqa' l-implimentazzjoni tal-ftehim dwar il-Ġustizzja fil-ħarifa 2017 li jiżgura l-funzjonament ta' ġudikatura integrata fil-Kosovo u joffri aċċess għall-ġustizzja għall-komunitajiet kollha. L-UE ser tkompli tagħmel monitoraġġ mill-qrib tal-ħidma kontinwa tal-Kosovo lejn progress viżibbli u sostenibbli fin-normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mas-Serbja, sabiex il-Kosovo u s-Serbja jkunu jistgħu jkomplu fit-toroq Ewropej rispettivi tagħhom, waqt li jiġi evitat li wieħed minnhom ikun jista' jimblokka lill-ieħor f'dawn l-isforzi u bil-prospett li t-tnejn ikunu jistgħu jeżerċitaw id-drittijiet tagħhom u jonoraw ir-responsabbiltajiet tagħhom b'mod sħiħ. Il-Kunsill jesprimi l-apprezzament tiegħu għall-ħidma tar-Rappreżentant Għoli biex tiffaċilita d-Djalogu u jistenna b'interess l-involviment aktar intensiv tagħha mal-partijiet, bil-ħsieb li tintlaħaq normalizzazzjoni komprensiva.
72. Il-Kunsill ifakkar li l-progress fil-proċess ta' normalizzazzjoni tar-relazzjonijiet mas-Serbja huwa prinċipju essenzjali tal-FSA u jirfed l-iżvilupp tar-relazzjonijiet u l-kooperazzjoni bejn l-UE u l-Kosovo.
73. Filwaqt li jfakkar it-tħassib qawwi tiegħu dwar it-tentattiv ta' tħassir tal-liġijiet dwar il-Kmamar Speċjalisti tal-Kosovo, il-Kunsill iħeġġeġ lill-Kosovo biex ikompli l-impenn tiegħu lejn l-Awli Speċjalizzati, f'konformità sħiħa mal-obbligi internazzjonali tiegħu u bħala mod kif juri sforzi ġenwini biex jiggarrantixxi l-istat tad-dritt, il-libertajiet fundamentali, il-ġustizzja u r-rikonċiljazzjoni.

74. Il-Kunsill jilqa' l-qbil li ntlaħaq dwar l-estensjoni tal-missjoni EULEX sa Ġunju 2020. Huwa jhegġegħ lill-Kosovo jkompli jikkoopera mill-qrib u b'mod effettiv mal-EULEX u jikkontribwixxi b'mod attiv għall-eżekuzzjoni sħiħa u bla xkiel mill-EULEX tal-mandat tagħha.
75. Il-Kunsill jilqa' l-konklużjoni u d-dħul fis-seħħ tal-Ftehim Qafas bejn l-Unjoni Ewropea u l-Kosovo dwar il-prinċipji ġenerali għall-parteciġipazzjoni tal-Kosovo fil-programmi tal-Unjoni u jenfasizza l-importanza li l-Kosovo jieħu kull vantaġġ minn dawn il-programmi. Jilqa' l-fatt li l-Kosovo ser jissieħeb mal-Programmi Erasmus+, COSME, L-Ewropa għaċ-Ċittadini u Ewropa Kreattiva.
-